**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**7 ta' Diċembru 2021**

**Rikors Numru 42/2021**

**Joseph Borg f'ismu proprju u bħala l-eredi tad-defunt Felix Micallef**

**Vs**

**Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Joseph Borg** ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi d-defunt Felix Micallef kien jiddetjeni b' titolu ta' qbiela mingħand l-Awtorita appellata, l-art magħrufa ġnien u għalqa f' 'Ta' Żebbiegħ' u 'Ta' Facciol', Il-Mosta l/o tal-Wardija.*

2. *Illi Felix Micallef xtaq li tali qbiela tiġi trasferita lill-appellant Joseph Borg, b'dan li għal tali skop huwa għamel applikazzjoni mal-Awtorita appellata u li ġġib in-numru ta' referenza AGRI1/2019/0043 (L11138/60).*

3. *Illi mal-imsemmija applikazzjoni l-appellanti annettew id-dokumentazzjoni kollha mitluba u neċessarja sabiex it-talba tagħhom tkun tista` tiġi proċessata u sussegwentament deċiża;*

4. *Illi fil-mori tal-applikazzjoni ġie nieqes Felix Micallef, b'dan li l-eredi tiegħu huwa l-appellant Joseph Borg, u dan hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri.*

5. *Illi permezz ta' ittra datata nhar it-28 ta' April, 2021 (Annessa bħala Dok A) l-Awtorita` appellata infurmat lill-esponent li t-talba tiegħu ma kienitx qiegħda tiġi milqugħa abbażi ta' żewġ raġunijiet:*

   5.1. *"there are two pending Planning Authority enforcement on tenement in question EC/00220/2015 & EC/00247/09"*

   5.2. *"also structures on site exceed 40m$^2$"*

6. *Illi l-esponent jħossu aggravat minn din id-deċiżjoni u qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, abbażi tas-segwenti argumenti legali u fatti li fl-umli opinjoni tal-istess esponent għandhom iwasslu lil dan it-Tribunal sabiex jilqa` l-appell odjern:*

***L-Ewwel Aggravju: Nuqqas ta' Kunsiderazzjoni Xierqa tal-Estensjoni tal-Enforcement***

6. *Illi fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorita' sostniet li waħda mir-raġunijiet li fuqhom hija ċaħdet it-talba tal-esponent kienet billi jeżistu żewġ enforcement notices allegatament fuq is-sit in kwistjoni.*

7. *Illi madanakollu tali motivazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi effettivament ma hemm ebda enforcement notice fuq is-sit mertu tal-applikazzjoni.*

8. *Illi fil-fatt l-enforcement notices li għamlet referenza għalihom l-Awtorita huma l-enforcement notices bin-numri EC/00220/2015 u EC/00247/2009.*

9. *Illi ż-żewġ enforcement notices in kwistjoni huma fuq art li taqa' barra l-konfini tal-art mertu tal-applikazzjoni, tant li jeżisti ħajt tas-sejjiegħ li jaqsam l-art de quo aġitur mill-art fejn hemm l-enforcement notices in vigore!*

10. *Illi di piu, l-enforcement notices mhux maħruġa kontra l-appellant iżda huma maħruġa fil-konfront ta' terzi li m'għandhom assolutament xejn x' jaqsmu mal-art mertu tal-applikazzjoni in diżamina.*

11. *Illi b'hekk ma hux leċitu li l-appellanti jsofru l-preġudizzju minħabba konsiderazzjonijiet dwar art li tmur lil hinn mill-konfini ta' dik mertu tal-applikazzjoni, b'tali konsiderazzjoni tkun ultra vires u ultra petita dak li għandu jiġi kkonsidrat ai fini tat-talba tal-appellant.*

12. *Illi bid-dovut rispett tali raġuni hija mhux biss skarna minn kwalsiasi motivazzjoni iżda hija adirittura waħda abbużiva u meħuda lil hinn mill-kunsiderazzjonijiet xierqa li kienu jmissu lill-Awtorita'.*

13. *Illi għalhekk jidher li l-Awtorita' immotivat iċ-ċaħda tagħha tat-talba tal-appellant abbażi ta' kunsiderazzjonijiet li ma kienux xierqa u li ma setgħu qatt iservu bħala raġunijiet validi għad-deċiżjoni in kwistjoni.*

### *It-Tielet Aggravju: Dwar l-Istrutturi*

14. *Illi l-appellant huwa wkoll aggravat bil-fatt li l-Awtorita ċaħdet l-applikazzjoni tal-appellant abbażi tal-fatt li fuq l-art allegatament jeżistu strutturi lil hinn mill-erbgħin metru kwadru (40m.k.) permessi mil-Liġi.*

15. *Illi dan billi, dato ma non concesso li tali struttura jeżistu u huma ta' enti ta' aktar minn 40m.k., f' kull każ għandu jirriżulta li kien il-Gvern stess li tul iż-żmien issanzjona u ppermetta l-bini u ż-żamma ta' dawn l-istrutturi.*

16. *Illi fil-fatt mhux talli kien il-Gvern stess li ppermetta li jiġu mibnija u użati tali strutturi iżda talli tabilħaqq il-Gvern saħansitra ta benefiċċji u inċentivi fiskali u monetarji għall-bini u ż-żamma ta' tali strutturi bħala sostenn agrikolu għal min, bħal appellant, huwa bidwi buona fide li jaqla' l-għajxien tiegħu mill-agrikoltura.*

17. *Illi għalhekk, kemm-il darba kien il-Gvern stess illi mhux biss akkwijexxa għall-istrutturi, iżda saħansitra inċentiva u għen fil-bini tagħhom, huwa ma jistax issa fil-vesti tal-Awtorita appellata juża l-eżistenza ta' tali strutturi sabiex jirrifjuta t-talba leġittima tal-appellant.*

18. *Illi dan jmur kontra kull prinċipju ta' dritt amministrattiv u jikkostitwixxi preġudizzju inġust għall-appellant.*

19. *Illi effettivament anki minn ottika purament legali, il-ħlasijiet magħmula mill-Gvern għall-bini u żamma ta' dawn l-istrutturi, li tabilħaqq ma huma xejn aktar milli serer użati leġittimament sabiex tkun tista' tinħadem l-art imqabbla, huwa fih innifsu att manifest u espliċitu ta' rinunzja għal kwalsiasi jedd ta' rifjut li jista' jiġi motivat abbażi tal-eżistenza tal-imsemmija strutturi.*

20. *Illi tabilħaqq il-bini u ż-żamma ta' tali serer huwa fuq kollox kruċjali sabiex l-appellant, ossia l-bidwi ġenwin u in buona fede, jkun jista' jagħmel l-użu tal-art preċiżament skond id-destinazzjoni tagħha – għal skopijiet agrikoli – u għalhekk m'għandux jiġi punit billi tali fatt jintuża kontra tiegħu hekk bħal ma' għamlet l-Awtorita appellata.*

21. *Illi għalhekk ukoll l-esponent jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorita u jemmen li konsiderazzjoni aktar xierqa tat-talba tagħhom kellha tintlaqa' anki abbażi ta' dak hawn sottomess.*

### *Konklużjoni*

*Għaldaqstant, l-esponent filwaqt li jinterponi dan l-umli appell mid-deċiżjoni tal-Awtorita' appellata kif fuq premess, u filwaqt li jirriserva li jressqu l-provi tiegħu in sostenn ta' dan l-appell, jitlob umilment li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u/jew jirrevedi d-deċiżjoni tal-Awtorita` tal-Artijiet datata nhar it-28 ta' April, 2021 u tordna l-kunsens tal- Awtorita` tal-Artijiet għall-applikazzjoni b'referenza numru AGRI1/2019/0043 (L 1138/60) u/jew tagħti dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` appellata."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fit-2 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *"Illi din hija risposta għar-rikors tal-Appell ta' Joseph Borg (K.I. Nru. 438368M);*
2. *Illi Felix Micallef (K.I. Nru. 180237M) bħala wieħed mill-persuni rikonoxxuti in solidum flimkien m'oħrajn fuq l-art in kwistjoni kien għamel talba sabiex jitrasferixxi lill-appellant Joseph Borg il-qbiela tal-art li tikkonsisti fi ġnien u għalqa f'art magħrufa bħala 'Ta' Żebbiegħ' u 'Ta' Facciol', ġewwa l-Mosta fil-limiti tal-Wardija;*
3. *Illi Felix Micallef ġie nieqes fil-mori tal-applikazzjoni;*
4. *Illi l-appellant huwa bidwi terz li kien jassisti lid-defunt fix-xogħol tar-raba';*
5. *Illi din l-applikazzjoni bin-numru '**AGRI1/2019/0043**' ġiet miċħuda mill-Awtorita tal-Artijiet a bażi ta':*

   *"**There are two pending Planning Authority enforcement on tenement in question EC/00220/2015 & EC/00247/09, also structures on site exceed 40m$^2$**."*
6. *Illi l-art mertu ta' dawn il-proċeduri tifforma parti mit-tenement bin-numru 50270 delineat fuq il-pjanta hawn annessa mmarkata bħala **Dok A** u li dan it-tenement huwa imqabbel in solidum lil diversi kif qed jiġi muri fis-site plan hawn anness u mmarkat bħala **Dok B**;*
7. *Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk intavola dan l-Appell;*
8. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-rikorrent:*

***L-Aggravji***

***L-Ewwel Aggravju – Nuqqas ta' Konsiderazzjoni Xierqa tal-Estensjoni tal-Enforcement***

I. *Illi r-regolament numru 6 (2) (ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 jintavola illi l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' qabel ma japprova kwalunkwe applikazzjoni ta' trasferiment għandu jivverifika illi ma hemm l-ebda impediment legali fuq dik l-art jew dak il-bini, inkluż avviżi ta' waqfien jew avviżi ta' twettiq jew avviżi ta' waqfien u twettiq jew avviżi ta' twissija maħruġa minn xi Awtorita';*

II. *Illi jirriżulta li l-art in kwistjoni hija waħda in solidum u li l-qasma tal-art de quo li saret permezz ta' ħajt tas-sejjieħ ma saritx skont il-provvedimenti tal-liġi;*

III. *Illi minkejja li setgħet saret xi qasma tal-art de quo, dan ma jfissirx li l-art in kwistjoni tkun tista' titqies bħala aktar minn tenement wieħed iżda la darba l-art hija waħda in solidum, il-konfini tal-art titqies bħala tenement wieħed hekk kif tistipula l-liġi. Għaldaqstant, il-liġi ma tidħolx fil-mertu ta' fuq min ħarġu l-enforcement notices, iżda tidħol biss fil-mertu tal-preżenza o meno ta' enforcement notices fuq is-sit kollu;*

IV. *Illi ma hemm l-ebda preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent u dan stante illi l-esponenti hija obbligata bl-Artikolu 7(2)(c) tal-Kapitlu 563 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika. L-Awtorita' għandha dan l-obbligu u liema obbligu ġie rikonoxxut minn dan l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza '**Sandra Magri Sant Fournier vs l-Awtorita tal-Artijiet**' ta' nhar l-għaxra (10) ta' Diċembru 2020, fejn eċċepiet li l-ebda persuna m'għandha xi dritt sagrosant li takkwista art tal-Gvern u li l-istess Awtorita' intimata għandha l-obbligu li tieħu ħsieb il-proprjeta' pubblika bħala bonus pater familias;*

V. *Illi r-rikorrenti permezz ta' dan l-appell qiegħed isostni illi tali raġuni tal-Awtorita' mhux biss hija skarna minn kwalsiasi motivazzjoni iżda hija addirittura waħda abbużiva, u dan stante illi tali raġuni ta' rifjut hija motivata biżżejjed sabiex ir-rikorrenti setgħu jappellaw id-deċiżjoni odjerna u jimmotivaw dan l-ewwel aggravju. Illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet mhux talli m'hijiex abbużiva iżda talli hija skont kif trid il-liġi senjatament ir-regolament hawn surreferit numru 6(2)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06, u dan wara illi l-esponenti għamel dawk il-konsiderazzjonijiet neċessarji skont il-liġi.*

***It-Tieni Aggravju – Dwar l-Istrutturi***

I. *Illi di piu, l-Awtorita' ċaħdet it-talba tad-defunt minħabba li hemm bini li fih floorspace msaqqaf aktar minn dak li jippermetti r-regolament numru 3(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 u ċioe li l-istrutturi fuq l-art agrikola jeċċedu l-40m$^2$;*
II. *Illi l-fatt li l-Gvern ta benefiċċji u inċentivi fiskali u monetarji għall-bini u ż-żamma ta' tali strutturi bħala sostenn agrikolu bl-ebda mod ma jilleġittimizza jew jirregolarizza tali strutturi;*
III. *Illi fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorita' aġixxiet u ddeċidiet b'mod raġonevoli u dan in linea ma' dak li titlob il-liġi.*

*In vista tal-premess, id-diskrezzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal hija limitata biss għat-tħassir jew approvazzjoni ta' deċiżjoni tal-Awtorita' appellata. Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux is-setgħa li jissostitwixxi kwalunkwe deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' tal-Artijiet.*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet li tiċħad l-applikazzjoni AGRI1/2019/0043 meħuda fis-sittax (16) t'April tas-sena elfejn u wieħed (2021).*

*Salv kull provvediment li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 28 ta' April 2021 fejn ġie infurmat illi l-applikazzjoni tiegħu għat-trasferiment ta' qbiela tal-art magħrufa ġnien u għalqa f'Ta' Żebbiegħ u Ta'

Facciol, il-Mosta, limiti tal-Wardija, kienet ġiet rifjutata peress li *"there are two pending Planning Authority enforcement on tenement in question EC/00220/2015 & EC/00247/09, also structures on site exceed 40m².*"[1]

Illi ċertu Felix Micallef kien applika mal-Awtorita` intimata sabiex ir-raba hawn fuq imsemmi jiġi trasferit fuq isem ir-rikorrent. Fil-mori tal-applikazzjoni Micallef ġie nieqes u skont id-dokumenti esebiti jirriżulta li ħalla lir-rikorrent bħala eredi universali tiegħu.

Illi tali trasferiment huwa regolat permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 (Regolamenti Dwar Art Agrikola Proprjeta` tal-Gvern) fejn f'Regolament 10 hemm stipulat illi, salv għal dak li jipprovdi regolament 3, persuna li jkollha art agrikola u li tkun proprjeta` tal-Gvern u miżmuma ma' diversi persuni oħra, tista' titrasferixxi s-sehem tagħha fl-intier jew *in parte*, lil terzi sakemm iġġib il-kunsens tal-inkwilini l-oħra kollha, liema kunsens jista' jinżamm biss għal raġuni valida.

Illi Regolament 3 jistipula illi biex tali trasferiment ikun jista' jsir jeħtieġ li jiġu osservati s-segwenti kundizzjonijiet, u cioe`:

1. ma jridx ikun hemm diġa bini bi *floorspace* imsaqqaf ta' aktar minn total ta' erbgħin metru kwadru (40m²), u
2. l-art jew parti minnha ma tkunx fl-iskema ta' żvilupp jew inkella tkun tajba għall-iżvilupp.

Addizzjonalment, skont Regolament 6, qabel ma l-Bord tal-Gvernaturi jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal tali trasferiment irid jivverifika s-segwenti:

1. Li ma jkunx hemm l-ebda ksur ta' xi liġi jew disposizzjoni kuntrattwali għar-rigward tal-art sakemm l-istess ksur jiġi sanat;
2. Li ma jkun hemm l-ebda arretrati;
3. Li ma jkun hemm l-ebda impediment legali fuq l-art, inkluż avviżi ta' waqfien jew avviżi ta' twettiq jew avviżi ta' waqfien u twettieq, jew avviżi ta' twissija maħruġa minn xi awtorita`. F'każ ta' tali avviżi, dawn għandhom jiġu sanati.

Illi kif ġie rilevat iktar 'il fuq, l-ostakoli għall-approvazzjoni tat-trasferiment tal-art in kwistjoni kienu tnejn, u cioe`, li hemm bini ta' ta' iktar minn erbgħin metru kwadru (40m²) u li hemm żewġ Ordnijiet ta' Infurzar maħruġa mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar.

---

[1] Dokument a fol. 35

Illi l-aggravji tar-rikorrent huma bażikament tnejn, u cioe`:

1. Nuqqas ta' kunsiderazzjoni xierqa tal-estensjoni tal-Ordni ta' Infurzar; u
2. Li l-istrutturi li hemm mibnija ma jinsabux fil-parti okkupata minnu.

**L-Ewwel Aggravju - Nuqqas ta' Kunsiderazzjoni Xierqa tal-Estensjoni tal-Ordni ta' Infurzar**

Illi r-rikorrent jikkontendi li l-Ordnijiet ta' Twettieq u Nfurzar li nħarġu da parti tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma jikkonċernawx l-art li Micallef kien iħallas il-qbiela għaliha iżda dawn qegħdin fuq partijiet oħra tat-*tenement* li pero` m'humiex fil-pussess tiegħu.

Min-naħa l-oħra l-Awtorita` intimata qiegħda tikkontendi li għall-istess Awtorita` it-*tenement* huwa wieħed u li l-ko-inkwilini għandhom il-pussess tiegħu *in solidum*.

Illi dawn iż-żewġ Ordnijiet ta' Infurzar ġew ippreżentati mill-Awtorita` intimata a fol. 41 sa 48 tal-proċess minn fejn ma jirriżultax illi r-rikorrent jew Felix Micallef huma msemmijin fl-istess Ordnijiet.

It-Tribunal josserva illi fil-mori ġew ppreżentati riċevuti tal-ħlasijiet li saru fuq isem Felix Micallef minn fejn jirriżulta illi dawn jirrigwardaw pagament parzjali fuq il-biċċa li kien jokkupa hu filwaqt li ko-inkwilini oħra jħallsu s-sehem tagħhom direttament huma. Mill-kuntratt tal-kiri esebit a fol. 154 jirriżulta wkoll illi kull inkwilin għandu assenjat lilu metraġġ kubu ta' art. Dan ifisser illi għalkemm it-*tenement* inkera *in solidum* l-Awtorita` intimata stess iddefiniet id-daqs tal-art li kull inkwilin kien se jokkupa u kif ukoll il-korrispettiv ta' qbiela għal tali art.

Illi t-Tribunal josserva illi għalhekk filwaqt li t-*tenement* ġie mqabbel *in solidum,* l-Awtorita` imponiet u aċċettat li tirċievi ħlasijiet maqsuma tal-qbiela u kif ukoll hija konsapevoli liema parti mit-*tenement* jokkupa kull inkwilin. Il-liġi stess, u senjatament Leġislazzjoni Sussidjarja 573.06 f'Regolament 10 tikkonċedi illi persuna li tkun qiegħda żżomm art agrikola tal-Gvern *in solidum* ma' persuni oħra, tista' titrasferixxi s-sehem tagħha lil terzi. Dan ifisser illi għalkemm għall-Awtorita` intimata l-art hija *tenement* wieħed, fl-ewwel lok qiegħda taċċetta li l-ħlas isir minn diversi inkwilini u fit-tieni lok it-trasferiment ta' porzjon minn *tenement* jista' jiġi trasferit lil terzi.

Illi għalhekk, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, la darba ġie ppruvat permezz ta' uffiċjal tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar, illi l-Ordnijiet ta' Twettieq u Infurzar imsemmija fid-deċiżjoni appellata qegħdin fuq it-*tenement* pero` mhux fil-partijiet fejn kien jokkupa Felix Micallef, allura l-Awtorita` intimata kienet żbaljata meta ħadet in konsiderazzjoni l-istess Ordnijiet. Illi l-iskop tal-liġi huwa li tippenalizza lil min ikun abbuża. F'dan il-każ ma jirriżultax illi r-rikorrenti jew Felix Micallef wettqu xi abbuż. Kwindi r-rikorrent ma għandux jiġi penalizzat ta' xi ħaġa li m'għamilx. Per di piu`, kif sewwa argumenta d-difensur tar-rikorrenti, l-Awtorita` intimata, *qua* s-sid tal-istess *tenement* għandha tiżgura illi ma jsirux illegalitajiet fuq l-art tagħha u mhux tuża l-eżistenza ta' tali illegalitajiet biex timpedixxi trasferiment bejn persuni li ma wettqux l-istess illegalitajiet.

Illi għaldaqstant fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-ewwel raġuni mogħtija mill-Awtorita` intimata hija waħda li ttieħdet fuq kunsiderazzjonijiet mhux xierqa fiċ-ċirkostanzi.

**<u>It-tieni aggravju – Strutturi li jeċċedu l-40m²</u>**

Illi l-istess argument li għamel dan it-Tribunal fir-rigward tal-ewwel aggravju japplikaw ukoll għat-tieni wieħed. La darba ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni li l-bini li l-Awtorita` intimata qiegħda tikkunsidra li jeċċedi l-40m² jinsab fuq art li mhix dik li dwarha qiegħed jintalab it-trasferiment, it-Tribunal iqis li l-Awtorita` ma kellhiex tieħu dan il-fatt in kunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tagħha. Għalkemm, kif diġa ingħad, it-*tenement* ġie mqabbel *in solidum*, kienet l-istess Awtorita`, jew aħjar il-predeċessur tagħha, illi proprju alloka tant metri kwadrati lil kull inkwilin versu korrispettiv ta' qbiela definit. Kwindi l-Awtorita` intimata qiegħda tagħraf u taċċetta illi kull inkwilin huwa tenut iwieġeb għall-porzjon tiegħu.

Għaldaqstant it-Tribunal iqis li anke din ir-raġuni ittieħdet fuq kunsiderazzjonijiet żbaljati.

Fl-aħħarnett it-Tribunal jagħmel referenza għal parti mit-talba tar-rikorrent, u cioe`, fejn talab lill-istess Tribunal jordna lill-Awtorita` intimata tagħti l-kunsens tagħha għall-applikazzjoni *de quo*. Kif inhu risaput, dan it-Tribunal huwa wieħed ta' reviżjoni u ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' awtorita` pubblika ma' tiegħu. Sta issa għall-Awtorita` intimata, li wara li tieħu in kunsiderazzjoni dak li ntqal hawn fuq, tagħmel eżerċizzju mill-ġdid dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, u sa fejn huwa kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata, b'dana illi qiegħed jirrevoka d-deċiżjoni appellata kif kontenuta fl-ittra datata 28 ta' April 2021.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**